**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 21 – IT-TLIETA, 8 TA' MARZU 2016 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | ChairpersonDr |
| | Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | | |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 20**

1.1 Ma kienx hemm korrezzzjoni fil-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Alfred Mangion issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

2.1 Ġie innutat li hemm fondi tal-UIF attribwiti għall-iżvilupp fil-Kappara. Il-Kumitat għandu jaħseb fuq xi proġett li jista' jiġi propost għall-użu ta' dawn il-fondi.

2.2 Ġie deċiż li tintbagħat reminder lil TM rigward ir-resurfacing ta' Triq il-Ġojjin.

2.3 Għandha ssir follow-up fuq it-talba tal-kumitat biex issir Speed Indicator fi Triq tas-Sliema. Il-veloċità massima tal-vetturi għandha tkun 40 kilometru fis-siegħa.

2.4 Għandha ssir tabella fi Triq il-Ħuttaf "35 Km max".

2.5 Ġie innutat li hemm xi żbalji fil-locality maps. Għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur fuq din. It-tabelli għandhom jeħlu.

2.6 Ġie innutat li sar ix-xogħol li kien jonqos fil-Ġnien G M Camilleri. Ġie deċiż li jinbidlu t-tabelli li hemm bżonn jinbidlu f'dan il-ġnien.

2.7 Ġie deċiż li ssir il-bankina fi Triq il-Virdun kantuniera ma' Triq Antonio Schembri.

**3 Affarjiet oħra**

3.1 Ġiet innutata ittra minn resident fi Triq ir-Russett rigward l-ittra li intbagħtet lir-residenti fuq il-ħmieġ tal-klieb. Il-Kumitat ġie nfurmat li s-Segretarju Eżekuttiv bagħat ir-risposta.

3.2 Għandha ssir follow-up ma' TM rigward it-talba għall-un/loading bay fi Triq Birkirkara.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' April 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |